

# Lejn Tmiem is-Seklu Dsatax - L-Isfond Soċjali

**Chris Buttigieg** B.A. (Gen.), P.G.C.E., P.G.D.E.M.

"Meta nħarsu lejn l-imgħoddi, ma għandniex narawh bin-nuċċali tal-lum."[1]

Mija u tletin sena ilu (fil-21 ta' Jannar, 1878) twaqqfet il-fratellanza ddedikata lill-Madonna ta' Lourdes. Minn din il-ġrajja ssenslet katina sħiħa ta' esperjenzi li l-ħoloq tagħha komplew jiżdiedu matul is-snin. Fost dawn nistgħu nsemmu t-twaqqif ta' l-ewwel każin fil-Qrendi fl-1895, "l-Orkestra Bellini" fl-1905, il-festi li saru fl-1928 biex ifakkru l-ewwel Ċinkwantinarju mit-twaqqif tal-Fratellanza, kif ukoll il-festi ta' l-1945 biex ifakkru l-ħamsin sena mit-twaqqif tas-Soċjeta`. Għax il-bniedem irid il-festi, irid jiċċelebra, irid iħossu parti minn komunità, irid jappartjeni.

Dawn huma ftit mill-fatti storiċi. Madankollu, kull storja jew Storja ma tistax tinfatam mill-kuntest tagħha fejn twieldet, trabbiet u kibret. Fir-rakkont fittizju jew storiku hemm ir-ruħ u l-kontinwità ta' ġensna.

L-iżvilupp tas-Soċjetà Mużikali Lourdes isaħħaħ dak li jgħid Henry Frendo: "Minn tarf is-seklu dsatax il-ħajja soċjali fl-ibliet u l-irħula bdiet idduq taħlita ta' ritwali ekkleżjastiċi u sekulari... Il-festa saret l-ikbar okkażjoni għar-residenti: tibjid, tindif, ilbies. Il-każin ħa post il-ħanut tal-kafè jew ta' l-inbid."[2] Fil-fatt, nistgħu ngħidu li t-tieni nofs tas-seklu dsatax welled il-festa kif nafuha llum. Uħud mill-ingredjenti tal-festa kienu diġà hemm: il-mużika, il-logħob tan-nar, l-istatwi, il-konfraternitajiet li jieħdu sehem fil-purċissjonijiet. Kien jonqos biss it-twaqqif tal-baned tal-lokal, inizjattiva li ma damitx wisq ma twieldet u xterdet, għax lejn l-aħħar tas-seklu l-baned ta' l-ibliet u l-irħula bdew jiżdiedu fin-numru. Pietru Pawl Castagna jsemmi erbgħa u tletin banda fl-1890.[3]

Din il-passjoni għall-festa ġiet innotata wkoll mill-barranin li inzertaw fi gżiritna f'dawn iż-żminijiet. Carmel Cassar jikkwota qassis Protestant li kiteb hekk fl-1870: "L-entużjażmu reliġjuż huwa wieħed mill-fatturi ewlenin li jispikkaw fil-karattru tal-poplu Malti... il-bini ta' knejjes u kappelli; il-bini ta' statwi fil-kantunieri tat-toroq..."[4]

X'kienu r-raġunijiet li wasslu biex il-Maltin jissieħbu f'każini tal-banda? Min janalizza l-ħajja soċjali, politika u ekonomika ta' familja, komunità, belt jew pajjiż ma jistax jikkuntenta bit-tweġiba "Għax hekk kellu jkun!" Il-kawża u l-effett għandhom ikunu fuq quddiemnett u l-punt tat-tluq għal analiżi oġġettiva ta' kif ikunu seħħew il-ġrajjiet u/jew qagħdiet soċjali. Kwotazzjoni popolari li tisħaq fuq dan inkitbet minn Ralph Waldo Emerson, filosfu Amerikan tas-seklu dsatax: "Persuni b'moħħ magħluq jemmnu fix-xorti. Persuni assertivi jemmnu fil-kawża u l-effett".

Ir-raġunijiet li wasslu biex il-Maltin jissieħbu f'każini tal-banda matul it-tieni nofs tas-seklu dsatax jistgħu jkunu taħlita ta' fatturi. L-antropologu Olandiż Jeremy Boissevain isemmi raġunijiet varji.[5] Jisħaq li f'soċjetajiet żgħar – bħalma huma tagħna – hija komuni li n-nies iżommu ma' partiti differenti. F'Malta, din it-tendenza żviluppat fl-istess żmien meta ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa bdew jikbru u jitwaqqfu l-ewwel każini tal-banda. Boissevain jirreferi wkoll għall-influwenza Sqallija u l-influss ta' refuġjati Taljani fi żmien ta' taqlib politiku qawwi fil-peniżola Taljana. Kienet ilha drawwa fi Sqallija li jiċċelebraw il-festi f'ġieħ il-qaddisin bil-baned militari.

L-influwenza Sqallija li jsemmi Boissevain hi tassew interessanti. Biżżejjed nagħtu ħarsa ħafifa lejn il-vokabularju marbut mal-festi Maltin. Ħafna minn dan il-vokabularju hu ta' oriġini Taljana jekk mhux Sqallija wkoll: "banda", "kaxxa infernali", "pavaljun", "murtal", "murtalett", "suffarell", "vara", "salut", "ġiġġifogu".[6]

Fuq il-livell nazzjonali, dan kien żmien jaħraq li matulu twieldu l-ewwel partiti politiċi. Il-perjodu 1880-1888 ra lill-Maltin jinqasmu f'żewġ partiti politiċi ewlenin: il-*Partito Anti-Riformista* mmexxi minn Fortunato Mizzi, u r-*Reform Party* iffurmat minn Sigismondo Savona. Din il-qasma fuq il-livell politiku ħejjiet pjattaforma għall-appoġġ u sħubija f'każini tal-banda opposti.

Fattur ieħor li seta' għen fit-tkabbir tal-festi f'dan iż-żmien kien il-progress li ġabu magħhom



il-mezzi ġodda ta' trasport f'pajjiżna. It-tieni nofs tas-seklu dsatax ġab miegħu l-introduzzjoni tat-tren, imlaqqam mill-Maltin bħala "il-vapur ta' l-art", li beda jaħdem fl-1883. Mezz ta' trasport bħal dan, flimkien mal-laneċ minn Tas-Sliema għal Marsamxett u aktar tard it-tramm, għenu bis-sħiħ biex in-nies jivvjaġġaw, u jipparteċipaw. "Saret eħfef biex tieħu sehem f'attivitajiet pubbliċi: soċjali, festivi, reliġjużi, politiċi... Żviluppi bħal dawn kienu qegħdin jimmodernizzaw u jittrasformaw l-organizzazzjoni soċjali".[7]

Minkejja din l-arja ta' ċelebrazzjonijiet, wieħed ma jridx iwarrab jew jinsa l-fatt li lejn l-aħħar tas-seklu dsatax kienu jeżistu problemi soċjali li wħud minnhom baqgħu jkarkru sa nofs is-seklu għoxrin. Fost l-oħrajn ta' min isemmi l-faqar rifless mhux biss fil-kwalità ta' l-ikel u l-kundizzjonijiet ħżiena t'akkomodazzjoni soċjali, imma wkoll fl-ilbies.[8] Din ir-realtà tidher ukoll fil-kitba ta' Ganado. Waqt li fuq naħa jirreferi għaċ-ċelebrazzjonijiet kbar mal-miġja tar-Re Dwardu fl-1903, fuq in-naħa l-oħra jsemmi li l-pajjiż kien mifni "minn problemi kbar".[9] Fost l-oħrajn in-nuqqas t'edukazzjoni u tagħlim fost il-poplu, aspett li jixref aktar tard fit-tletinijiet fil-kitbiet ta' kittieba soċjali bħal Ġwann Mamo u Ġużè Ellul Mercer.

Fir-raħli/belti/Malti ta' llum m'hemmx ħlief il-Malti ta' l-imgħoddi. Meta ninteressa ruħi fuq il-ġrajjiet ta' l-imgħoddi nkun qed niftaħ tieqa ċkejkna fuq soċjetà bl-aspirazzjonijiet, il-ferħ u t-tbatija tagħha. Għalhekk kull storja jew Storja m'għandhiex biss tgħallimna, imma trawwem fina wkoll empatija u rispett.

**Referenzi**

1 **Herbert Ganado,** *Rajt Malta Tinbidel, L-Ewwel Ktieb (1900-1933)*, **1977.**

2 **Henry Frendo,** *Storja ta' Malta*: *Żmien l-Ingliżi - Is-Seklu Dsatax*, **2004.**

3 **Pietru Pawl Castagna,** *Malta bil-Gżejjer Tagħha (1865-1890)*, **1985.**

4 **Carmel Cassar,** *Everyday Life in Malta in the Ninteenth and Twentieth Centuries*, **f'***The British Colonial Experience 1800-1964; The Impact on Maltese Society*, **Victor Mallia-Milanes, 1988.**

5 **Jeremy Boissevain,** *Festa Partiti and the British: Exploding a Myth*, **f'***The British Colonial Experience 1800-1964; The Impact on Maltese Society*, **Victor Mallia-Milanes, 1988.**

6 **Għall-oriġini ta' dan il-kliem, ara d-dizzjunarju ta' Ġużè Aquilina.**

7 *Storja ta' Malta*, *op.cit.*, **p.209.**

8 *Everyday Life in Malta in the Ninteenth and Twentieth Centuries*, *op.cit.*, **p.104.**

9 *Rajt Malta Tinbidel*, *op.cit.*, **p.12.**


